MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 204/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**Vs**
**Diana Vassallo**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti (Diana **Vassallo ID 259271(M)** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Marzu, 2010 u fil-ġranet u xhur ta' qabel din id-data minn ġewwa r-residenza tagħha numru 37, Flat 3, Triq Dun Nerik Cordina Perez, Hamrun, tat fastidju bl-imġieba tagħha w dejqet lil Yvonne Camilleri, b'mod li kienet taf jew messha li tkun taf li dan kien ta' fastidju kontra din il-persuna.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Mejju, 2010, li biha, b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, l-

appellanti ghandha tobbliga ruhha li żżomm il-kwiet mal-istess Yvonne Camilleri u jekk b'xi mod li tkun naqset minn din l-obbligazzjoni, tobbliga ruhha li thallas is-somma ta' €500 penali ordnata bid-deċiżjoni hawn fuq imsemmija li għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' sena.

3. Rat ir-rikors tal-appellanti minnha ppreżentat fit-13 ta' April, 2010, li bih talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kwalunkwe piena w imputazzjoni.

4. Fliet l-atti kollha proċesswali.

5. Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

6. Rat illi l-aggravju tal-appellanti fil-qosor huwa s-segwenti w cioe':-

7. Illi l-appellanti tiċħad li qatt tefgħet xagħar f'din il-bitha. Ma nġiebet l-ebda prova li hija ghamlet dan. Ghalhekk jeżisti konflitt ta' provi. In oltre hemm diversi galleriji ta' appartamenti li jagħtu għall-bitħa ta' Yvonne Camilleri. Illi proprju fil-11 ta' Mejju, 2010 l-istess Camilleri marret ghamlet rapport l-għassa li l-appellanti reggħet tefgħet ix-xahar fil-bitha tagħha. Il-Pulizija marru fil-flat tar-rikorrenti u rriżultalhom li r-rikorrenti lanqas biss kienet fil-flat tagħha f'din il-ġurnata. Di piu', ir-rikorrenti, biex żgur ma jkunx hemm diżgwid immedjatament wara s-sentenza qalgħet il-wires tal-inxir li kienu jagħtu għal fuq il-bitħa tagħha w neħħiet l-għasfur li kien jitqiegħed fil-gallerija.

8. Illi probabilment l-ilment ta' Yvonne ġej minn xi forma ta' fissazzjoni.

9. Il-Qorti semgħet il-verżjoni tal-fatti bil-ġurament kemm ta' Yvonne Camilleri kif ukoll tal-appellanti Diana Vassallo. Yvonne Camilleri ppreżentat borża b'xi xagħar li hija llegat li kien mitfugħ mill-appellanti għal ġol-bitħa tal-istess Yvonne Camilleri. Iżda dan l-esibit jirreferi għal jiem ta'

wara dak indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna. Min-naħa l-oħra l-appellanti ċaħdet li hi qatt tefgħet xi xagħar għal ġol-bitħa ta' Yvonne Camilleri.

10. Mill-provi rriżulta li fejn joqogħdu l-appellanti u Yvonne Camilleri, li għamlet ir-rapport, jikkonsisti fi block ta' appartamenti bil-appartament tal-appellanti sovrappost fuq dak ta' Yvonne Camilleri. L-avukat tal-appellanti saħansitra ssottometta li jekk hemm bżonn isir eżami tad-DNA tax-xagħar esibit.

11. Il-Qorti ser tagħmel tliet osservazzjonijiet:

(a) L-ewwelnett il-Qorti qed tiskarta l-oġġetti esibiti minħabba li dawn inġabru **wara** d-data indikata fis-sentenza. Id-data tal-4 ta' Marzu, 2010 qatt ma tissemma u referenza għaż-żmien ta' qabel din id-data huwa vag. Dan jirriżulta wkoll waqt ix-xhieda tal-appellanti fejn kemm il-Qorti kif ukoll il-Prosekuzzjoni rreferew għad-dati li jidhru fiċ-ċitazzjoni speċifikatament.

(b) It-tieni l-Qorti qed tikkonsidra li ġaladarba hemm aktar appartamenti oltre dak tal-appellanti u ta' Yvonne Camilleri, allura ma jistax wieħed jgħid, 'l hemm minn kull dubju raġonevoli, li dan ix-xagħar twaddab mill-appellanti u mhux minn xi ħadd ieħor ġaladarba m'hemmx provi oħra li jorbtu t-twaddib ta' dan ix-xagħar mal-appellanti.

(ċ) It-tielet l-appellanti kienet akkużata b'imputazzjoni li fid-diċitura tagħha taqa' taħt l-artikolu 251A tal-Kap 9 li jgħid hekk:

'251A. (1) Persuna li ġġib ruħha:

(a) b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u

(b) b’mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta’ fastidju għal dik il-persuna,
tkun ħatja ta’ reat taħt dan l-artikolu.

(2) Għall-fini ta’ dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b’mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta’ persuna oħra jekk fil-qjies ta’ persuna raġonevoli
jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Persuna akkużata b’reat taħt dan l-artikolu tista’ ġġib prova
li:

(a) l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew

(b) l-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma’ xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew

(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli.’

Fil-fehma tal-Qorti l-provi miġjuba ma jammontawx għall-kwalita’ ta’ reat ikkontemplat f’dan l-artikolu, li huwa aktar intiż għal xi ħadd li qed isegwi lil ħadd ieħor b’persistenza, iżda aktar taħt xi kontravenzjoni bħal dik, per eżempju, dik ikkontemplata fl-artikolu 340(d) tal-Kap 9.

**Konklużjoni**

12. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li fliet l-atti u semgħet ix-xhieda, qed tilqa’ l-appell, qed titrrevoka s-sentenza tas-7 ta’ Mejju 2010, qed tħassar u tirrevoka dik il-parti fejn l-appellanti nstabet ħatja u kienet imposta fuqha obbligazzjoni taħt la-rtikolu 383 tal-Kap 9 u minflok qed tillibera lill-appellanti mill-imputazzjoni dedotta kontriha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------